---

24 ta' Marzu, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Joseph Bartolo *versus* Francis Cilia

**Promessa ta' Bejgħ — Azjenda Kummerċjali — Ditta — Avvjament — Ċessjoni — Terminu — Art. 1407 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*F'każ ta' promessa ta' bejgħ jew ċessjoni ta' drittijiet inkorporali, bħalma huma azjenda kummerċjali, avvjament u ditta, mhux applikabili d-dispost tal-liġi li jistabbilixxi t-terminu ta' tliet xhur*

*għall-validità tal-promessa ta' bejgħ li jkollha bħala oġġett tagħha beni stabili.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur, wara li qal illi bejn il-kontendenti saret obligazzjoni fit-18 ta' Marzu 1946 (dok. A) fejn l-attur ipprometta li jċedi u jwelli lill-konvenut, li aċċetta, l-istabbiliment "Falrex" li qiegħed Kingsway, nru. 14 u 15, Valetta, flimkien mad-ditta, avvjament, liċenzi li għandu fuq il-post u oġġetti li jinsabu fih (esklużi l-oġġetti ta' l-uffiċċju u li stock), bil-prezz konvenut ta' £11,000, fi żmien xahar mill-imsemmija data tat-18 ta' Marzu, 1946; u li l-konvenut ma ġiex għall-effettwazzjoni ta' l-imsemmija obligazzjoni, non ostanti li l-attur bagħatlu l-ittra privata fit-22 ta' April 1946 u l-ittra uffiċjali fil-25 ta' April 1946; talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut jiġi kundannat jieħu bħala ċessjoni l-imsemmi stabbiliment "Falrex" li qiegħed f'Kingsway, numru 14 u 15, Valletta, flimkien mad-ditta, avvjament, liċenzi li hemm inerenti għall-fond u l-oġġetti li jinsabu fih, esklużi l-oġġetti ta' l-uffiċċju u li stock, u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat li jħallas lill-attur għall-imsemmija ċessjoni kif konvenuta s-somma ta' £11,000, bl-imgħax kummerċjali mill-imsemmija ittra uffiċjali tal-25 ta' April 1946; salva kwalunkwe azzjoni kompetenti lill-attur, kompriża dik tad-danni u ta' arrest personali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-imsemmija ittra uffiċjali tal-25 ta' April 1946;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li qal li d-domanda ta' l-attur ma tistax tiġi akkolta, billi l-ftehim li sar bejn il-kontendenti bil-konvenju tat-18 ta' Marzu 1946 ma kienx baqa' jobliga lilu fil-ġurnata tal-preżentata ta' l-odjerna ċitazzjoni; u dana kif spjegat fid-dikjarazzjoni annessa;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fit-30 ta' Novembru 1946, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenut bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u ġew miċħuda t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż mingħajr taxxa, iżda bid-dritt tar-reġistru bejn il-kontendenti nofs kull wieħed; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Li mid-dokument fil-fol. 5 jirriżulta li l-konvenut obliga ruħu biex jixtri l-azjenda msemmija fit-taħrika bil-prezz ta' £11,000, skond kitba privata tat-18 ta' Marzu 1946. Il-konvenut naqas li jersaq għax-xiri, u l-attur fit-30 ta' April għamillu l-kawża preżenti. Iżda fil-waqt li l-konvenut ma kienx irid iżjed l-azjenda, l-attur wella l-azjenda lil terza persuna, Antonio Spiteri, u biss żamm il-patt li "fil-każ li l-imsemmi Cilia jiġi biex joffri l-prezz tat-twellja, ossija £11,000, allura l-kumparent Spiteri jobliga ruħu li jirrilaxxja u jħalli l-imsemmi ħanut favur l-imsemmi Francesco Cilia.........." It-twellija, salv dak il-patt, kienet definitiva b'effett mid-data tal-kitba privata, jiġifieri mit-12 ta' Settembru 1946. Peress li l-konvenut ma offriex il-£11,000, u lanqas ma għadu jrid jixtri l-azjenda, l-kondizzjoni riżolutiva ma vverifikatx ruħha, u l-hum l-attur ma fadallu ebda dritt ibiegħ l-azjenda lill-konvenut, għax svesta ruħu minnha bit-trasferiment li għamel favur Spiteri. Peress li dana ġara fil-pendenza tal-kawża, hemm lok għal temperament fil-kap ta' l-ispejjeż. L-eċċezzjoni tal-konvenut ma kellha ebda fondament, kif jidher mill-konfront tad-dati u mill-fatt li għal ċessjonijiet ta' drittijiet inkorporali t-terminu kontemplat fl-artikolu 1407 (2) tal-Kodiċi Ċivili mhux applikabili (ara sentenza Appell 27 ta' April 1936 in re "Mallia vs. Portanier" u Prim'Awla 19 ta' Jannar 1938 in re "Spiteri vs. Galea");

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata fil-kap fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut, u billi tiġi revokata fejn ċaħdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż mingħajr taxxa u bid-dritt tar-reġistru bejn il-kontendenti bin-nofs kull wieħed, u konsegwentement jiġi deċiż a tenur tad-domandi ta' l-attur bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta tal-konvenut, li appella inċidentalment minn dik is-sentenza, u talab illi l-istess tiġi riformata fejn ċaħdet it-talba ta' l-attur, u tiġi revokata fejn irriġettat l-eċċezzjoni tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu u jiġi deċiż a tenur ta' din l-eċċezzjoni, u jiġi riformat il-kap ta' l-ispejjeż

fis-sens li l-ispejjeż kollha, kompriżi dawk ta' din l-istanza, jiġu akkollati lill-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali tal-konvenut Cilia;

Illi, bħala konsegwenza li l-appell prinċipali mar deżert, l-appellat fit-trattazzjoni orali ddikjara li qiegħed jinsisti għall-appell inċidentali limitatament għall-ispejjeż ta' l-eċċezzjoni deċiżi kontra tiegħu u għall-ispejjeż relativi għall-meritu, li fuqhom ġie ordnat li għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bid-dritt tar-reġistru bin-nofs;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għall-ispejjeż relativi għall-eċċezzjoni fuq imsemmija, li ġiet deċiża kontra l-appellat, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti għamlet sewwa meta rrespinġiet dik l-eċċezzjoni, billi, kif ġie kemm-il darba deċiż minn dawn il-Qrati, id-dispożizzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-art. 1407 tal-Kodiċi Ċivili (Edizzjoni Riveduta) hija dispożizzjoni eċċezzjonali, li ma tistax tiġi estiża minn każ għall-ieħor jew minn kuntratt għall-ieħor (ara f'dan is-sens Appell 7 ta' Jannar 1898 in re "Zerafa vs. Ciappara". Kollez. Vol. XVI, p. 60; Prim'Awla 29 ta' Marzu 1898 in re "Felice vs. Coppini", Kollez. Vol. XVI, p. 227; Appell 25 ta' Novembru 1935 in re "Cassar vs. Zahra"; "Bonello vs. Azzopardi" 15. 6. 95 (XV, p. 194); App. 7. 5. 75 "Zammit vs. Demajo"; Appell 27 ta' April 1936, in re "Onor. Galizia ne. vs. Azzopardi". Għaldaqshekk iddeċediet sewwa l-Ewwel Qorti meta rrespinġiet l-eċċezzjoni analoga ta' l-appellat; u ebda raġuni valida ma kien hemm biex l-ispejjeż relativi ma jiġux lilu akkollati;

Ikkunsidrat;

Illi lanqas huwa ċensurabili l-mod kif l-Ewwel Qorti ordnat li għandhom jiġu sopportati l-ispejjeż l-oħra tal-kawża, billi kien il-konvenut appellat li ta lok għal dik il-kawża mingħajr ma kellu raġun, u billi l-eżitu ħażin ta' l-istess kawża kien dovut unikament għal ċirkustanza li ġrat waqt il-mori tal-ġudizzju;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell inċidentali tal-konvenut appellat, bl-

ispejjeż kontra tiegħu, u tikkonferma fil-kapi ta' dak l-appell is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fit-30 ta' Novembru 1946.